**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 622/2019**

**Mohammed Abdelaziz Hassan Mattar et**

**vs**

**ARMS Ltd**

**Illum, 29 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors preżentat fl-14 ta' Mejju 2019 għal-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif hemm premess;

Rat id-digriet tagħha datat 14 ta' Mejju, 2019.[1]

Rat ir-risposta għal-istess datata 22 ta' Mejju, 2019[2]

---

[1] Folio 11

[2] Folio 17

Rat l-atti kollha presentati.

Semgħet it-trattazzjonijiet

**Ikkonsidrat**

Illi l-pern ta' dan il-mandat huwa ftehim li sar fuq ħlas ta' konsum ta' elettriku pendenti ġia meta il-meter relattiv kien jgħajjat lil illum mejjet Fortunato Zammit. Illum il-fond fejn hu installat l-istess meter, li fuqu għad hemm il-pendenzi u lis-soċjeta' intimata trid taqla minħabba f'hekk, huwa okkupat minn bint il-mejjet u żewgħa, t-tnejn rikorrenti.

Ir-rikorrenti, ir-raġel Mohammed, llum daħal f'arranġament mas-soċjeta' intimata, dwar il-modalitajiet ta' ħlas. Jgħidu r-rikorrenti li huma ottempraw ruħhom ma dan, fatt dan ferm innegat mill-intimata. Anzi jidher mid-dokumenti esebiti lli fil-fatt fuq l-istess kont saru żewġ arranġamenti ta' ħlas bin-nifs, Dok A u B rispettivament.[3] Wieħed datat 1 ta' Ġunju, 2016 u l-ieħor 30 ta' Jannar, 2019. Għandu jingħad ukoll illi għalkemm il-kont baqa jgħajjat lil mejjet Fortunato Zammit, id-debitur ta' dan il-kont jidher li hu r-rikorrenti Mohammed u għalhekk martu in kwantu qed tiġi presunta bejniethom il-kommunjoni.

Is-soċjeta' intimata targumenta li nonostante li sar arranġament ta' modalitajiet ta' ħlas bejnha u bejn ir-rikorrenti, prinċipalment ma Mohammed Abdelaziz Hasan Mattar, dan qatt ma seta jfisser li sar xi rikonoxximet minnha ta' utent ġdid fuq il-fond servut mill-meter in kwistjoni. Fil-fatt tibqa insistenti lli l-utent kien

[3] Folio 6 u 8

u baqa l-mejjet Fortunato Zammit u li darba biss li jitħallsu l-pendenzi kollha magħha għal konsum reġistrat li l-meter jista jinqaleb fuq ir-rikorrenti.

Għalhekk targumenta l-istess soċjeta' li da parti tagħha hi ma aċċettatx t-talba ta' Rita Zammit Mattar biex jiġi mibdul il-konsumatur fuq il-meter in kwistjoni.[4] Tibqa nsistenti li biex idur il-kont, għalhekk jiġi registrat konsumatur gdid, jinħtieg li l-ewwel jiġu saldati l-pendenzi fuq l-istess kont.

Targumenta ukoll l-intimata lli fil-fatt ir-rikorrenti ma għandhom ebda jedd fuq il-meter in kwantu huma stess kienu ddikjaraw li kieneu jghixu ġol fond **105 flat 2** mentri l-meter in kwistjoni kien dak reġistrat fuq il-fond **105 Flat 1**, it-tnejn triq Birżebbugia. Ukoll li l-fatt li huma kienu debituri ma kien jagħtihom ebda jedd fuq il-meter li hi kienet se taqla.

**Ikkonsidrat**

Ir-rikorrenti jressqu it-teżi li dana kollu tal-qlugħ tal-meter tad-dawl qed isir għax instigat minn sid il-fond imsemmi, ċioe' dak tat-triq Birzebbugia ukoll għax dana fetaħ proċeduri biex jirriprendi lura l-istess. Tqies il-Qorti li din it-tezi ma hi xejn ħlief spekulazzjoni da parti tagħhom.. Iressqu ukoll l-argument illi għalkemm kif imsemmi mill-intimata si tratta ta' żewg fondi differenti u lir-rikorrenti jabbitaw fil-fond mhux milqut bil-qlugħ tal-meter, kif der resto jidher fuq il-karta ta' l-identita' tagħhom, Dok Arms1[5], pero Flat1 u Flat 2 huma ambjent wieħed in kwantu huma mifruda u t-tnejn huma konsidrati u użati bħala residenza tagħhom tant li huma ambjent wieħed.

[4] Dok Arms 3 Folio 24
[5] Folio 22

Jiġi nuttat ukoll li meta l-Qorti *di sua sponte* saqsiet x'kien il-jedd pretiż a bażi ta' *prima facie* li tiegħu kienet qed tintalab il-kawtela, element dana kif ben miżmum neċessarju għas-suċċess ta' din it-talba, it-tweġiba kienet li ħadd m'għandu jkun priv mis-servizz ta' l-elettriku. B'mod aktar konsonanti ma dak li trid il-liġi fir-rikors in eżami r-rikorrenti jressqu t-teżi lis-soċjeta' intimata kienet qegħda tmur lil'hinn minn dak maqbul bejniethom fl-iskritturi ta' modalitajiet ta' ħlas, allura kienu qed jistrieħu fuq jedd naxxenti minn ftehim.

Bir-rispett kollu jekk ir-rikorrenti jridu jistrieħu fuq iż-żewg skritturi li saru mas-soċjeta' intimata huma stess jridu jonoraw l-istess. Skont is-soċjeta' intimata huma fallew fil-pagamenti kif maqbula u għalhekk għaddiet biex tissospendi s-servizz ta' l-elettriku u kienet ukoll se tgħaddi biex tneħħi meter tad-dawl <u>li sal lum għadu registrat fuq il-mejjet Fortunato Zammit.</u>

Illi għalkemm il-Qorti tista tifhem li żgur hemm rekwisit ta' pregudizzju jekk persuna tistpċċa bla dawl u saħansitra bla meter, pero dana ma jaqax taħt id-deskrizzjoni li trid il-liġi għas-sodisfazzjon ta' l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jinħtieg li dan ikun wieħed irremedjabbli u għalkemm il-qlugħ ta' meter jikrea bla dubbju disagju dan mhux wieħed irremedjabbli jew irreparabbli. Ħlas dovut jassikura ir-riprestin.

**Konsegwetement huwa meqjus lir-rekwisiti kumultattivi li jwasslu biex tiġi milqugħa talba bħal din in eżami huma mankanti.** [6]

**Għalhekk esposti l-fatti kollha suriferiti u magħmula l-premessi kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tqies li it-talba tista tiġi akkolta.**

---

[6] Artikolu 873 tal-Kap 12

**Pero, għalkemm tifhem lis-soċjeta' intimata mhux waħda li tiprovdi xi servizz ta' karita' u mhix il-Koporazzjoni Enemalta, tħeġġeġ li b'xi mod jinstab xi modalita' kif almenu ir-rikorrenti Rita Zammit Mattar ma titqiegħedx f'sitwazzjoni prekarja. *Ad occhio* l-Qorti setgħet taprezza s-sitwazzjoni imwera tagħha ukoll fehmet li żewgha llum ma jinstabx magħha imma għal xi raguni mhux ta' xogħol imsiefer. Ta' dan il-Qorti qegħda tagħmel id-dovut enfasi**

**Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tiċħad il-mandat.**

**In vista taċ-ċirkostanzi spjegati thalli l-istess bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**
**Imhallef**